MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 219/2002/1

**Francis u Juliet Buhagiar**

**vs**

**Alexander Mizzi, Christopher Martin Rutzen u b'digriet tat-18 ta' Novembru tas-sena 2002, is-socjeta' Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd giet kjamata in kawza**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-3 t'April tas-sena 2002 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenuti Alexander Mizzi u Christopher Martin Rutzen quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx:**

**1. Jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni minnhom sofferti naxxenti mill-incident stradali li sehh nhar l-10 ta' Jannar tas-sena 2002, fi Triq id-Dahla ta' San Tumas, iz-Zejtun, u meta konsegwenza ta' sewqan hazin, negligenti, b'imperizja, imprudenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, ikkawzaw l-incident aktar 'l fuq indikat bil-konsegwenza li l-vettura proprjeta' tal-mittenti numru tar-Registrazzjoni EAW-496 garrbet hsarat konsiderevoli;**

**2. Illi konsegwenza ta' l-istess incident fuq riferit, Juliet Buhagiar sofriet diversi danni fuq il-persuna taghha, konsegwenza ta' liema hija kellha tigi rikoverata fis-sodda, b'dan illi giet inibita milli thalli dawn il-gzejjer sabiex tattendi ghal seminar f'Cipru bil-konsegwenza illi ser titlef l-opportunita' li tavvanza fil-karriera taghha, ghall-liema hsarat u danni konsegwenzjali jahtu unikament il-konvenuti;**

**3. Illi ai fini ta' kompetenza, jigi dikjarat li l-ammont soffert kwantu danni ma jeccedix l-hamest elef Lira Maltin (LM5,000.00,0);**

**4. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Frar tas-sena 2002 u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-istess ittra ufficjali kontra l-konvenuti minn issa ngunti biex jixhdu u ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Alexander Mizzi datata t-2 ta' Lulju tas-sena 2002 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi in linea preliminari, l-eccipjent mhux il-legittimu kontradittur tal-atturi stante li mhux is-sid tal-vettura Nru. KAH-048 li kienet involuta fl-incident awtomobilistiku de quo. Dik il-vettura hija propjeta' tas-socjeta' Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd.;**

**2. Illi wkoll in linea preliminari, l-eccipjent mhux il-legittimu kontradittur tal-atturi stante li fil-hin tal-incident awtomobilistiku, meritu ta' din il-kawza, l-eccipjent ma kienx ix-xufier tal-istess vettura Nru. KAH-048;**

**3. Illi bla pregudizzju ghall-premess, l-eccipjent ma kienx responsabbli ghall-incident stradali de quo u ghalhekk ma kkaguna ebda danni lill-atturi;**

**4. Illi bla pregudizzju ghall-premess u fi kwalunkwe kaz, il-quantum tad-danni pretiz mill-atturi huwa kontestat ghaliex huwa eccessiv u ma jirrispekkjax id-danni li attwalment, realment u materjalment kienu mgarrba mill-atturi bhala konsegwenza tal-incident in ezami;**

**5. Illi in vista tal-premess, l-eccipjent m'ghandux ibghati spejjez gudizzjarji;**

**6. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, it-talba tal-atturi ghall-hlas tal-imghax kif dedotta ghandha tkun michuda stante li jekk imghax huwa dovut dan ghandu jiddekorri mid-data tas-sentenza galadarba t-talba attrici hija ghal risarciment ta' danni da liquidarsi;**

**7. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi;**

**Rat ukoll in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Christopher Martin Rutzen datata t-2 ta' Lulju tas-sena 2002 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi r-responsabbilita' tal-eccipjent ghall-incident awtomobilistiku in ezami bhala konducent tal-vettura Nru. KAH 048 li kienet involuta fl-istess incident kienet ammessa mill-bidu nett tant illi qatt ma kien hemm opposizzjoni da parti tal-**

**eccipjent jew tal-assikurazzjoni tieghu Atlas Insurance Agency Limited bhala agent tas-socjeta' assikuratrici estera AXA Insurance plc li favur l-atturi ssir likwidazzjoni u hlas tad-danni konformi mad-danni li huma attwalment u materjalment garrbu;**

**2. Illi d-danni li l-atturi qed jippretendu fil-kawza odjerna huma esagerati kemm ghal dak li jirrigwarda l-hsara tal-vettura Nru. EAW 496 kif ukoll fejn jirrigwarda d-danni tal-persuna tal-attrici;**

**3. Illi qabel saret din il-kawza, ghar-rigward tal-hsara tal-vettura Nru EAW 496, Atlas Insurance Agency Limited offriet li thallas lill-atturi s-somma ta' tliet mitt Lira Maltin (LM300.00,0) bhala `pre-accident value' tal-vettura taghhom stante li din kienet dikjarata `beyond economical repair' konsegwenza tal-incident, bl-atturi jzommu ir-`wreck', flimkien ma' spejjez ohra ta' ghoxrin Lira Maltin (LM20.00,0), izda l-atturi rrifjutaw din l-offerta;**

**4. Illi ma hemmx prova sodisfacjenti li l-attrici Juliet Buhagiar garrbet danni fil-persuna taghha konsegwenza tal-incident;**

**5. Illi in vista tal-premess, l-eccipjent m'ghandux ibaghti spejjez gudizzjarji;**

**6. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, it-talba ghall-hlas tal-imghax kif dedotta ghandha tkun michuda stante li jekk imghax huwa dovut dan ghandu jiddekorri mid-data tas-sentenza galadarba t-talba attrici hija ghal risarciment ta' danni da liquidarsi;**

**7. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi;**

**Rat il-verbal tar-rapprezentant legali ta' l-atturi datat is-6 ta' Novembru tas-sena 2002 li permezz tieghu informa lill-qorti li kien bi hsiebu jirrikjama in kawza**

**lis-socjeta' Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited, pero' talab zmien biex jikkonsidra din il-possibilita';**

**Rat il-verbal tar-rapprezentant legali tal-konvenuti li rrizerva l-posizzjoni tieghu fir-rigward;**

**Rat ir-rikors ta' l-atturi datat l-20 ta' Novembru tas-sena 2002 li permezz tieghu talbu l-kjamata in kawza tas-socjeta' fuq riferita;**

**Rat id-digriet taghha datat il-25 ta' Novembru tas-sena 2002 li permezz tieghu awtorizzat il-kjamata in kawza mitluba;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Alexander Mizzi u tas-socjeta' Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited datata l-20 ta' Dicembru tas-sena 2002 li permezz tieghu ecceppew is-segwenti:**

**Li t-talba mressqa fil-konfront taghhom ghandha tigi michuda bl-ispejjez u dan ghas-segwenti ragunijiet:**

**Jeccepixxi bir-rispett Alexander Mizzi;**

**Li hu m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika ma' l-atturi stante li qatt ma kien involut fl-ebda incident tat-traffiku fl-10 ta' Jannar tas-sena 2002 la gewwa z-Zejtun u mkien iehor u kwindi ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;**

**Li fuq dan l-incident huwa qatt ma sema' qabel ma' gie moghti l-inkartament odjern, u jahseb li hu gie citat bi zball u kellu jigi citat Alec Mizzi direttur iehor fuq il-kumpanija Alf. Mizzi & Sons Limited, li huwa wkoll il-Managing Director tas-socjeta' Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited li giet kjamata in kawza fit-18 ta' Novembru tas-sena 2002;**

**Teccepixxi bir-rispett is-socjeta' Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited;**

**Li hi ma kienitx involuta fl-incident tat-traffiku li ghaliha giet imharrka fl-atti odjerni;**

**Li ghalhekk m'ghandhiex l-ebda relazzjoni guridika mal-istess atturi u bhala sid il-vettura involuta fl-incident ma tistax tinzamm responsabbli ghall-allegati danni subiti mill-atturi rizultat tal-incident imsemmi fl-avviz prezentat minnhom u konsegwentement ghandha tigi liberata mill-ossevanza tal-gudizzju;**

**Rat in oltre in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited datata s-7 ta' Jannar tas-sena 2003 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi in linea preliminari, is-socjeta' eccipjenti mhix il-legittimu kontradittur tal-atturi stante li ghalkemm hija s-sid tal-vettura Nru KAH 048 li kienet involuta fl-incident awtomobilistiku de quo, ma kienitx involuta fl-imsemmi incident stante li fil-hin tal-incident il-vettura kienet qed tinsaq mill-konvenut Christopher Martin Rutzen, impjegat tas-socjeta' eccipjenti, li kien regolarment licenzjat u assikurat biex isuq l-istess vettura Nru. KAH-048 (Dok.AM);**

**2. Illi bla pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' eccipjenti ma kienitx responsabbli ghall-incident stradali de quo u ghalhekk ma kkagunat ebda danni lill-atturi;**

**3. Illi bla pregudizzju ghall-premess u fi kwalunkwe kaz, il-quantum tad-danni pretizi mill-atturi huwa kontestat ghaliex huwa eccessiv u ma jirrispekkjax id-danni li attwalment, realment u**

**materjalment kienu mgarrba mill-atturi bhala konsegwenza tal-incident in esami;**

**4. Illi in vista tal-premess, is-socjeta' eccipjenti m'ghandhiex tbaghti spejjez gudizzjarji;**

**5. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, it-talba tal-atturi ghall-hlas tal-imghax kif dedotta ghandha tkun michuda stante li jekk imghax huwa dovut dan ghandu jiddekorri mid-data tas-sentenza galadarba t-talba attrici hija ghal risarciment ta' danni da liquidarsi;**

**6. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi;**

**Rat in-nota tal-konvenut Alexander Mizzi u tas-socjeta' Alf.Mizzi & Sons (Marketing) Limited datata d-29 t'April tas-sena 2003 li permezz taghha nfurmaw lill-qorti li kienu qed jirtiraw in-nota taghhom konguntiva datata l-20 ta' Dicembru tas-sena 2002 fuq riferita, (ara fol 76);**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi in vista tan-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Christopher Martin Rutzen datata t-2 ta' Lulju tas-sena 2002 li permezz taghha jirrizulta li r-responsabbilita' ta' l-eccipjenti Rutzen ghall-incident awtomobilistiku in dizamina bhala l-konducent tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KAH-048 involuta fl-incident awtomobilistiku mertu ta' din il-kawza kienet ammessa mill-ewwel anke mis-socjeta' assikuratrici tieghu, allura mhix ser tiddelunga aktar fuq dan il-fatt hekk ammess;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi ghalhekk il-vertenza in dizamina hija issa ristretta unikament fuq il-problema tal-kwantum tad-danni sofferti mill-konvenuti;**

**Illi f'dan ir-rigward jirrizulta s-segwenti:**

**1. Illi l-vettura tal-konvenuti tal-marka Yugo bin-numru ta' registrazzjoni EAW-496 kienet mixtrija minnhom madwar is-sena 1994 u kienet assigurata ghall-ammont ta' erbgha mitt Lira Maltin, (LM400.00,0), (ara fol 59);**

**2. Illi rizultat ta'dan l-incident din il-vettura giet skrappjata fil-21 ta' Mejju tas-sena 2002, (ara fol 41), wara li kien gie effetwat survey fuq l-istess; (ara fol 64);**

**3. Illi skond il-"guidelines" li fuqu jidher joperaw is-socjetajiet assikurattrici il-"pre-accident value" tal-vettura in dizamina kien ta' mitejn Lira Maltin, (LM200.00,0);**

**4. Illi pero' s-socjeta' assikurattrici tal-konvenut Rutzen offriet lill-atturi s-somma ta' tlett mitt Lira Maltin, (LM300.00,0) flimkien mal-vettura tieghu fl-istat li kienet tinsab;**

**5. Illi l-attrici Juliet Buhagiar li kienet involuta fl-incident in dizamina jidher li sofriet xi griehi kagun ta' l-istess u hu allegat li kellha bzonn tigi kkurata ghall-istess;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi anke skond id-deposizzjoni ta' l-attur Francis Buhagiar jirrizulta li s-socjeta' assikurattrici tal-konvenut Rutzen kienet infurmata bl-incident de quo;**

**Illi ghalkemm l-istess attur isostni li din is-socjeta' qatt ma accettat li tkellmu, mid-dokumenti esebiti jirrizulta li l-konvenut accetta u assuma r-responsabbilita' mill-ewwel;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi fir-rigward tal-kondizzjoni ta' l-attrici wara l-incident, ghalkemm gew ipprezentati certifikati medici, (ara fol 2, 4 u 58), pero' dawn ma jitfghu l-ebda dawl fuq il-kondizzjoni effettiva ta' l-istess attrici;**

**Illi inoltre, d-dokument rilaxxat mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni datat it-8 t'Ottubru tas-sena 2002, ghalkemm jinforma li l-attrici kellha tikkancella l-partecipazzjoni taghha f'seminar esteru, pero' jiccita "…personal reasons" u mhux dik naxxenti mill-incident awtomobilistiku in dizamina;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi t-talbiet attrici takkolji l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti u mis-socjeta' kjamata in kawza u konsegwentement:**

**1. Tiddikjara li l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh ex admissis kagun tas-sewqan negligenti, imprudenti u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku tal-konvenut Christopher Martin Rutzen u allura tikkollah bir-responsabbilita' ta' l-istess;**

**2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont minnhom assigurat ta' tlett mitt Lira Maltin, (LM300.00,0);**

**3. Tikkundanna lill-konvenut Christopher Martin Rutzen biex ihallas l-ammont hekk likwidat lill-atturi bl-imghax dovut jibda jiddekorri mid-data tad-decizjoni odjerna;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi rigward il-kwistjoni ta' l-ispejjez rizultanti f'din il-procedura ghandu jigi ddikjarat li l-preokkupazzjoni murija mir-rapprezentant legali tal-konvenuti u tas-socjeta' kjamata in kawza huma legittimi u jimmeritaw l-avall ta' din il-qorti;**

**Illi sa mill-principju tad-dekors procedurali f'din il-procedura, u ghalhekk ferm qabel ma wiehed kien ikun kostrett jipprocedi gudizzjarjament biex jittutela d-drittijiet li jhoss li ghandu jittutela, l-atturi kienu jafu bis-segwenti:**

**1. Illi l-valur assigurat tal-vettura taghhom kien dak ta' tlett mitt Lira Maltin, (LM300.00,0);**

**2. Illi l-konvenut Rutzen u l-assikurazzjoni tieghu mill-ewwel assumew responsabbilita' ghall-akkadut;**

**3. Illi kemm-il darba l-atturi riedu jallegaw danni kkoncernanti l-attrici allura kellhom jipprezentaw provi accettabbli skond il-ligi biex jikkonsolidaw l-istess;**

**Illi in vista tas-suespost, peress li kif sintetikament indikat aktar qabel dawn l-ispejjez setghu gew facilment evitati, l-ispejjez ta' din il-procedura ghandhom ikunu a karigu ta' l-atturi.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------